MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Numru 351/2014

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Joseph Busuttil)**

**(Spettur Silvio Magro)**

**vs**

**Mario Caruana**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Mario Caruana bin Michael u Geralda nee' Caruana, imwielda z-Zejtun fl-1 t' Ottubru 1957, residenti

gewwa l-fond numru 42 St Catherine Hompeshe Road, Fgura u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 670557M.

Akkuzat talli f' dawn il-Gzejjer gewwa Gudja fil-precint ta' l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta fit-3 ta' Marzu, 2014 u fix-xhur ta' qabel b' diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li kienu gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda kkommetta serq ta' diversi fwejjah li jiswew aktar minn €232.94 izda inqas minn €2,329.37 ghad-detriment ta' Nuance Group Malta Ltd M.I.A u/jew persuni ohra, u dan aggravat bil-Valur u bil-Persuna.

Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b' kull mod li kien, indahhal biex ibieghhom jew imexxihom (diversi fwejjah).

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-30 ta' Mejju, 2014 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b' mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Semghat s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-Difiza in kwantu jirrigwarda l-piena.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m’ ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Ghal finijiet ta’ piena l-Qorti kkunsidrat l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u ikkunsidrat ukoll l-fatt li kien hemm koperazzjoni shiha mill-imputat fil-kors tal-investigazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261, 267 u 268 tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lil imputat hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u b’ applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor sa zmien tliet snin millum. Stante li t-tieni mputazzjoni nghatat bhala alternattiva ghal ewwel imputazzjoni li taghha huwa nstab hati l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess imputazzjoni.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------